DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 130/2008

tal-5 ta' Diċembru 2008

li temenda l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness għall-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 126/2008 tas-7 ta' Novembru 2008 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 362/2008 tal-14 ta' April 2008 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jirrigwarda l-istatistika Komunitarja dwar l-introjtu u l-kondizzjonijiet tal-għajxien (UE-SILC) fir-rigward tal-lista tal-2009 tal-fatturi varjabbli sekondarji mmirati relattivament għall-privazzjoni materjali ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 365/2008 tat-23 ta' April 2008 li jadotta l-programm ta' moduli ad hoc, li jkopri s-snin 2010, 2011 u 2012, għall-istħarriġ kampjun dwar il-forza tax-xogħol stipulat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 377/2008 tal-25 ta' April 2008 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità fir-rigward tal-kodifikazzjoni li għandha tintuża għat-trażmissjoni ta' data mill-2009 'il quddiem, u l-użu ta' subkampjun għall-ġbir ta' dejta dwar il-varjabbli strutturali u d-definizzjoni tal-kwarti ta' referenza ([4]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 391/2008 tat-30 ta' April 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 102/2007 li jadotta l-ispeċifikazzjonijiet tal-modulu ad hoc tal-2008 dwar il-qagħda tas-suq tax-xogħol tal-migranti u n-nisel tagħhom immedjat ([5]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness XXI għall-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 18w (ir-Regolament (KE) Nru 452/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"18x. **32008 R 0362**: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 362/2008 tal-14 ta' April 2008 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jirrigwarda l-istatistika Komunitarja dwar l-introjtu u l-kondizzjonijiet tal-għajxien (UE-SILC) fir-rigward tal-lista tal-2009 tal-fatturi varjabbli sekondarji mmirati relattivament għall-privazzjoni materjali (ĠU L 112, 24.4.2008, p. 1)."

([1]) ĠU L 339, 18.12.2008, p. 119.
([2]) ĠU L 112, 24.4.2008, p. 1.
([3]) ĠU L 112, 24.4.2008, p. 22.
([4]) ĠU L 114, 26.4.2008, p. 57.
([5]) ĠU L 117, 1.5.2008, p. 15.

(2) Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt 18al (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 207/2008):

"18am. **32008 R 0365**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 365/2008 tat-23 ta' April 2008 li jadotta l-programm ta' moduli ad hoc, li jkopri s-snin 2010, 2011 u 2012, għall-istħarriġ kampjun dwar il-forza tax-xogħol stipulat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 (ĠU L 112, 24.4.2008, p. 22).

18an. **32008 R 0377**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 377/2008 tal-25 ta' April 2008 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità fir-rigward tal-kodifikazzjoni li għandha tintuża għat-trażmissjoni ta' dejta mill-2009 'il quddiem, u l-użu ta' subkampjun għall-ġbir ta' data dwar il-varjabbli strutturali u d-definizzjoni tal-kwarti ta' referenza (ĠU L 114, 26.4.2008, p. 57)."

(3) Dan li ġejjin għandu jiddaħħal fil-punt 18ak (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 102/2007):

", kif emendat b':

— **32008 R 0391**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 391/2008 tat-30 ta' April 2008 (ĠU L 117, 1.5.2008, p. 15)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nru 362/2008, Nru 365/2008, Nru 377/2008 u Nru 391/2008 fl-ilsien Iżlandiż u f'dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Supplement taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-6 ta' Diċembru tal-2008, ladarba jsiru n-notifiki kollha lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE f'konformità mal-Artikolu 103(1) (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Supplement taż-ŻEE mal-istess ġurnal.

Magħmula fi Brussell, 5 ta' Diċembru 2008.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

L-A.S.T. Prinz Nikolaus von LIECHTENSTEIN

(*) Mhuma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.